MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 334/2002/1

**Pace Bros. (Gzira) Company Limited**

**vs**

**Francis Borg f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Oil Field Supplies and Services Company Limited.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-22 ta' Mejju tas-sena 2002 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut proprio et nomine quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Illi jizgombraw mill-fond King's Rest Bar, Triq Sliema, Gzira, liema fond huma qeghdin jokkupaw minghajr ebda titolu fil-ligi;**

**2. Ghal fini ta' valur, jigi dikjarat illi l-valur lokatizju tal-fond in kwistjoni kalkolat skond il-kriterji disposti fil-Kap. 12 Ligijiet ta' Malta ma jeccedix is-somma ta' elf tminn mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltin (LM1,825);**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-28 t'Ottubru tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi Francis Borg ghandu titolu validu ta' kera u ghalhekk din il-qorti hi inkompetenti "ratione materiae" li tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza;**

**2. Illi bla pregudizzju ghall-premess it-talba attrici hi improprja ga la darba ma jistax legalment jigi ritenut illi l-okkupazzjoni hi minghajr titolu validu fil-ligi;**

**3. Illi t-talba tas-societa' attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt billi Francis Borg ghandu titolu validu ta' kera;**

**4. Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Ezaminat id-dokumenti ezebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi permezz ta' ftehim verbali datat it-22 ta' Settembru ta' l-1997 is-socjeta' attrici kienet kriet il-fond "King's Rest Bar" ta' Triq Sliema, il-Gzira, lil Francis Borg;**

**2. Illi jidher li fost il-kondizzjonijiet pattwiti kien hemm is-segwenti:**

**a. Kera ta' hames Liri Maltin (Lm5.00,0), kuljum;**

**b. Kull sentejn il-kera kellha tizdied b'Lira Maltija, (LM1.00,0), kuljum;**

**c. Illi l-pagament hekk pattwit kellu jirrinnova ruhu kull tlett (3) xhur;**

**3. Illi jirrizulta li l-ahhar pagament effettwat mill-konvenut Borg kien f'Novembru tas-sena 2000, liema pagament kien ikopri lill-konvenut sa l-ahhar tas-sena 2000;**

**4. Illi tramite persuna responsabbli ghall-hlasijiet li s-socjeta' attrici ghandha impjegat maghha s-socjeta' attrici kienet informata li l-konvenut Borg kien moruz;**

**5. Illi ghalkemm il-konvenut wera l-intenzjoni tieghu li ried appuntament ma xi rapprezentant tas-socjeta' attrici dan avvera ruhu biss f'Gunju tas-sena 2001 u dan sehh biss wara inizjattiva ta' direttrici partikolari tas-socjeta' attrici;**

**6. Illi wara din il-laqgha gie pattwit ftehim iehor fejn il-konvenut talab perjodu ta' grazzja ta' tlett (3) xhur u pprometta li wara jkun f'posizzjoni li jhallas l-ammonti minnhu dovuti;**

**7. Illi ghalkemm il-perjodu pattwit skada, il-pagamenti dovuti ma sarux;**

**8. Illi f'laqgha ohra sussegwenti l-konvenut Borg ghamel hafna xeneggjati u peress li jidher li gibed xi korda sentimentali tad-direttrici involuta, (ara fol 39), rega' inghata perjodu ta' tlett (3) xhur ohra biex ihallas, liema perjodu kellu pero' jkun finali;**

**9. Illi ghalhekk il-pagamenti dovuti kellhom jigu effettwati fl-1 t'April tas-sena 2002;**

**10. Illi l-istess direttrici ssostni li infurmat lill-konvenut li kienet anke ppreparata iccedilu l-arretrati minnhu dovuti, (ara fol 39);**

**11. Illi t-terminu pattwit rega' skada u l-pagamenti dovuti baqghu ma sarux;**

**12. Illi x-xeneggjata precedenti regghet irrepetiet ruhha u Borg ottjena perjodu iehor ta' grazzja;**

**13. Illi din id-darba inkitbet l-iskrittura li kopja taghha hi riprodotta a fol 41 u hi datata d-29 t'April tas-sena 2002;**

**14. Illi l-imsemmija skrittura giet redatta minn Iris Cacciattolo ghan-nom tas-socjeta' Pace Bros. (Gzira) Limited u Francis Borg ghan-nom tas-socjeta' "Oil Field Supplies & Services Company Limited" u tinkludi s-segwenti kondizzjonijiet:**

**a. "Jekk Francis Borg jonqos li jhallas l-ammont ta' sitt elef tminn mija u erbgha u ghoxrin Lira Maltin u hamsa u disghin centezmuu, (LM6,824.95,0), dovuti ghall-kirjiet hemm indikati – fosthom il-fond mertu ta' din il-procedura – sat-30 t'April tas-sena 2002, Francis Borg obbliga ruhu li jittermina l-kirjiet – inkluz tal-fond mertu ta' din il-procedura";**

**b. “Illi s-socjeta’ Pace Bros. (Gzira) Limited jibqalha d-dritt ghall-pagamenti lilha dovuti mis-socjeta’ “Oil Field Supplies & Services Limited””;**

**15. Illi stante li t-30 t’April tas-sena 2002 ghadda u l-konvenut Borg kemm fil-kwalita’ tieghu personali tieghu kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ “Oil Field Supplies & Services Limited” baqa’ inadempjenti allura s-socjeta’ attrici kienet kostretta tirrikorri ghal din il-procedura;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi huwa sinifikattiv li l-konvenut Francis Borg baqa’ latitanti f’din il-procedura u dan, kemm personalment kif ukoll fil-kwalita’ tieghu ta’ rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi minn analizi tas-suespost ir-responsabbiltajiet li jirrizultaw fil-konfront tas-socjeta’ attrici jidhru li gew assunti mill-konvenut kemm fil-kwalita’ tieghu personali kif ukoll fil-kwalita’ tieghu rapprezentattiva tas-socjeta’ konvenuta;**

**Ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta’ attrici ippruvat il-kaz taghha skond il-ligi u in vista tal-premess tiddikjara illi l-fond de quo qed jigi okkupat mill-konvenut proprio et nomine minghajr ebda titolu fil-ligi;**

**Illi in vista tal-premess filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut proprio et nomine takkolji t-talbiet attrici u filwaqt li tordna lill-konvenut proprio et nomine jizgombra l-fond “King’s Rest Bar”, Triq Sliema, il-Gzira, tikkoncedi perjodu ta’ xahar biex il-konvenut proprio et nomine jkun jista’ jaghmel dan, bl-ispejjez.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------